**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTA' NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI**

**POST TA' KUNTISTABBLI FID-DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, jilqa' applikazzjonijiet ghall-post ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi.

**Termini u kundizzjonijet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn.

2.2 Is-salarju ta' Kuntistabbli huwa ta' Skala ta' Salarju 14, li fl-2021 huwa ta' €16,361 fis-sena, li jiżdied bi €316.83 fis-sena sa massimu ta' €18,262.

2.3 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 13 (li fl-2021 huwa ta' €17,522 x €335.50 - €19,535) wara sentejn (2) fis-servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 12 (li fl-2021 huwa ta' €18,724 x €354 - €20,848) wara sitt (6) snin fis-servizz fi Skala 13, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija tavvanza għal Kuntistabbli Anzjan tal-Pulizija fi Skala 11 (li fl-2021 hija ta' €19,974 x €375.17 - €22,225) wara erba' (4) snin fis-servizz fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fi Skala 12, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Kuntistabbli tal-Pulizija tattira wkoll *allowances* kif speċifikat fil-ftehim settorjali tal-Korp tal-Pulizija intitolat, *'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2018'*.

2.7 Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, jitħallsu l-paga bażika ta' Skala 18 (li hija ta' €12,358) sakemm jieħdu l-ġurament tal-ħatra bħala Kuntistabbli tal-Pulizija bi Prova.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jinsabu mehmuża ma' din iċ-ċirkulari bħala Anness (A).

**Rekwiziti tal-eligibbiltà**

4.1 L-applikanti għandhom ikunu:

(i) ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' pass ( mill-inqas fi Grad 5 jew C jew f'livell kumparabbli) f'livell MQF 3 f'erba' (4) suġġetti li jkunu jridu jinkludu l-Malti u l-Lingwa Ingliża;

jew

fil-pussess ta' kwalifika f'livell VET 3 jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'livell MQF 3 fil-Malti, Ingliż u f'żewġ suġġetti oħra bħala units ta' studju separati fil-kors li jkunu segwew;

Applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom MCAST Diploma f'MQF livell 3, jew MCAST-BTEC First Diploma jew MCAST-BTEC Diploma jew Ċertificat tas-City and Guilds f'Livell 2 jiġu kkunsidrati wkoll sakemm is-suġġett ikun relatat mal-Pulizija;

(iv) ikunu għalqu t-tmintax (18)-il sena sa l-aħħar ta' Settembru 2021;

(v) ma jkunux għalqu id-disgħa u tletin (39) sena sad-data tal-għeluq ta' din l-applikazzjoni;

(vi) ikunu medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-*istandard* mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija;

(vii) applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew body piercing u/jew modifikazzjonijiet oħrajn jiġu kkunsidrati skont il-każ suġġett li tali tatwaġġi/body piercing ikunu koperti meta jintlibes flokk/t-shirt tal-uniformi, u suġġetti li il-kontenut tal-istess tatwaġġi m'humiex offensivi, razzjali, eċċ.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafu 4.1(iii) formalment, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti ta' tali rekwżiti sal-aħħar ta' Awwissu 2021.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta (karattru morali tajjeb) li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għaliha. Fil-każ ta' applikanti li diġa' qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern u jagħtu d-dettalji.

4.5 Barra minn hekk, kandidati li huma parzjalment eliġibbli jintalbu jattendu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, biex jitkejlu, u jimlew formoli ta' kunsens u dikjarazzjoni. Matul il-proċess kollu sal-istadju tal-ħatra, jsir screening adekwat fuq kull kandidat. Jekk jirriżulta li jew id-dikjarazzjoni sottomessa tkun falza jew l-applikant jonqos milli jissodisfa l-livell ta' kondotta meħtiega, il-kandidat jigi skwalifikat u jkun eskluż milli jipproċedi fil-proċess tal- għażla."

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

**Sottomossjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proceduri tal-ghazla**

6. L-EWWEL PARTI - EFFIĊJENZA FIŻIKA / TEST MEDIKU

6.1 L-applikanti se jkunu soġġetti għal test tal-Effiċjenza Fiżika, li għandu jsir taħt Bord tal-Għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-*istandards* tal-Korp tal-Pulizija skont kif hemm mehmuż ma din ic-ċirkolari bħala Anness (B).

6.2 Il-Kandidati li ma jgħaddux ikunu jistgħu jerġgħu joqgħodu għat-test sħiħ fi żmien ġimgħa.

6.3 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jipproċedu għat-test mediku preliminari

Il-Kandidati li jgħaddu mit-test mediku preliminari mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

7. IT-TIENI PARTI - INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Intervista selettiva intiża sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalita', żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u kwalitajiet oħra meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Il-marka massima ghal Intervista Selettiva hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.4 Il-kandidati kollha li jkunu għaddew b'suċċess mill-intervista selettiva, ikunu suġġetti li jagħmlu l-eżami mediku. Ir-riżultat tal-intervista selettiva jkun ikkunsidrat bħala proviżorju fl-ordni ta' mertu, li jibqa' jgħodd sa sentejn min-notifika tar-riżultat.

7.5 Il-kandidati li jintgħażlu, u li diġa' huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprendistat ieħor.

8. IT-TIELET PARTI - EŻAMI MEDIKU

8.1 Il-kandidati li jgħaddu mill-intervista selettiva jiġu msejjħa għall-eżami mediku skont l-ordni tal-mertu sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti.

Il-kandidati li ma jgħaddux mill-eżami mediku ma jitħallewx jipproċedu għall-parti erbgħa kif tidher hawn taħt.

9. IR-RABA' PARTI – IR-REKLUTAĠĠ

9.1 Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom itterminat f'kull żmien. Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ ma jkunux intitolati għall-ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħriġ tagħhom fl-Akkademja.

9.2 Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu ntitolati għal uniformi b'xejn, u jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jista jkun fuq bażi residenzjali.

9.3 Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50% għal kull suġġett eżaminabbli. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe' ħin il-kors ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

9.4 Il-ħatriet isiru skont l-ordni tal-mertu u l-pożizzjonijiet vakanti eżistenti. Dan l-ordni tal-mertu jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn min-notifika tar-riżultati.

9.5 Il-kandidati jkunu soġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont l-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

9.6 Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija, li matulu:-

(i) jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skont kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija,

u

(ii) ikunu evalwati kull erba' xhur. Il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat fit-tmiem ta' kull test.

9.7 Kuntistabblijiet tal-Pulizija bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom itterminata fi kwalunkwe żmien waqt il-perjodu ta' prova.

9.8 Kuntistabbli tal-Pulizija bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

10 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biss permezz tar-Recruitment Portal fuq l-indirizz: https://recruitment.gov.mt (taħt Uniformed and Security). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **sa 13:30 hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

11 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

12 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (ie. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

13 Applikanti jingħataw sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

14 Sussegwentament l-applikanti li huma diġa parzjalment eliġibbli jiġu mitluba sabiex jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew Uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Minbarra dan, l- applikanti għandom ukoll iġibu magħhom żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

14 Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati ;
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad- Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma: https://pulizija.gov.mt/ u hr.police@gov.mt .

Kummissarju tal-Pulizija
Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi